**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TNAX**

**17 ta' MEJJU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filg]axija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**12.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

12.1.1 Kien hemm qbil li fir-rigward ta' paragrafu 11.2.1 il-Kumitat Amministrattiv jerġa jfakkar lill-Arċipriet fuq risposta għat-talba tal-permess biex l-istess kumitat lest li jirrestawra l-istatwa ta' Santa Marija.

12.1.2 Mal-paragrafu numru 11.3.1 għandhom jiżdiedu dawn il-kliem: Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-membru Joseph Caruana.

12.1.3 Fir-rigward ta' paragrafu 11.7.6 il-membru Joseph Caruana staqsa min huma l-*contracts managers* li għandu l-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq xogħol ta' patching u bankini l-*contract manager* hu l-Perit Anthony Bezzina, u fuq xogħol ta' tisbiħ ta' ġonna u *soft areas* l-*contract manager* hu s-Sur Carmel Azzopardi.

12.1.4 Il-minuti tas-seduta numru 11 ġew approvati kif emendati.

***12.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

12.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv li kellu diskussjonijiet mal-Perit Anthony Bezzina fuq iż-zebra crossing ta' Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin. Il-Perit qal li jekk issir iż-żebra crossing li ġiet approvata mit-TM, ser ikun hemm il-problema tal-livelli tal-overflow tad-djar tal-viċin u biex ix-xogħol isir sew l-ispiża ser titla madawr €25,000.

Kien hemm suġġeriment li biex jagħmel emendi sabiex minħabba l-problema tal-ilma, naħa minnhom minflok issir bankina ssir printed jew stenciled paved.

Kien hemm qbil li terġa ssir laqgħa oħra mal-perit fejn ikun hemm preżenti membri oħra tal-Kumitat Amministrattiv.

Fir-rigward taż-zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Bubaqra, li jonqos hu x-xogħol tal-Koptasin fuq bellishia lights.

Fir-rigward taż-zebra crossing ta' Vjal l-Indipendenza k/m Triq l-Isqof Alpheran, il-Kumitat Amministrattiv qed jistenna lill-Perit biex jagħti proposta oħra għax skond il-permess tat-TM din il-*crossing* ġiet quddiem plot vojta li għandha l-permessi meħtieġa biex tibni garaxx quddiem fejn propost.

***12.3 Tieġ Malti***

12.3.1 Għal din il-parti kienu mistiedna membri tal-Kumitat organizzattiv tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM.

Is-Sinjura Connie Tanti f'isem is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM iddiskriviet l-andament tal-attivita'.

Dawn huma l-punti li tqajmu:

- Il-Palazz f'Misraħ Santa Marija ser jintuża għall-għarajjes u biex dawk li ser jipparteċipaw ibiddlu l-ħwejjeġ fih.

- Kull min ikun preżenti anke saħansitra membri tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, Kunsillieri, Membri tal-Kumitat Amministrattiv u dawk mistiedna ser iħallsu għall-platt malti li ser ikun jiswa €10.

- Kien hemm qbil li l-Membri Parlamentari tad-Distrett mistiedna, flimkien l-Onor. Chris Said, l-

Onor. Mario De Marco u l-Onor. Stefan Bountempo biss ser iħallas għalihom il-Kumitat Amministrattiv.

- Kien hemm qbil li tintbagħat nota bieb bieb minn fejn ser tgħaddi l-purċissjoni tat-tieġ fejn jingħadd 'Il-Kumitat Amministrattiv ikun grat jekk mis-6.00pm sad-9.30pm ma jkun hemmx vetturi pparkjati fit-triq minħabba l-attivita' tat-Tieġ Malti.' Fil-waqt li għat-toroq fejn ser issir il-qofol tal-attivita', tintbagħat nota fid-djar sabiex ma jkunx hemm vetturi pparkjati bejn is-6.00 u l-10pm. Nota oħra tintbagħat lir-residenti ta' Misraħ Santa Marija biex ineħħu l-vetturi nhar l-attivita' mit-8.00ta' filgħodu sa nofsillejl.

- Kien hemm qbil li jsiru tabelli li jindikaw il-post tal-attivita' minn Triq il-Belt Valletta sa' Bubaqra.

- Kien hemm qbil li t-tindif li ser isir mill-Kuntrattur tal-Kunsill – Gejtu Galea jsir dak inhar stess tal-attivita' fil-11.30pm., u jintalbu 5 reċipjenti kbar għall-Misraħ (bla ħlas).

- Kien hemm qbil li jsir tindif ta' lampi tal-misraħ.

- Kien hemm suġġeriment li jkunu preżenti uffiċċjali tal-assistenza medika – bħas-Soċjeta' tar-Red Cross.

- Is-Sinjura Tanti qalet li kellha kuntatti mal-Programm Ħadd Għalik fejn talbet li jiġu mistiedna għall-promozzjoni tal-attivita'.

- Kien hemm qbil li membru tal-Kumitat Amministrattiv tikkuntatja lill-Green MT biex tissupplixxi 3 settijiet ta' reċipjenti għas-separazzjoni tal-iskart għall-attivita'.

- Kien hemm qbil li jiġu mistiedna l-President u s-Segretarju ta' kull għaqda fiż-Żurrieq, lill-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill, lill-Arċipriet u l-qassisin (b'invit separat), liċ-Chairpersons u s-Segretarju ta' kull Kummissjoni fi ħdan il-knisja, lill-ispettur, l-Kap tal-iskola, lis-Sur Oliver Farrugia (MTA)

### *12.4 Skema ta' Finanzi*

12.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni għall-Memo 43/2011 'Skema ta' Finanzi' sabiex f'seduta oħra dawk preżenti jġibu l-proposti tagħhom għal kull skema u jiġu diskussi.

### *12.5 Stemmi Reġjonali u Amministrattivi*

12.5.1 Fir-rigward tal-proposta li kien bagħat il-Kumitat Amministrattiv lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, kien hemm qbil li jiġi kkuntatjat il-pittur minn Bubaqra biex iħejji l-emblema taż-Żurrieq bit-torri ta' Bubaqra fiha, ħalli jekk l-ewwel proposta ma tiġix milqugħa, ma jkunx hemm dewmien biex tintbagħat il-proposta l-oħra.

### *12.6 Ilmenti u Suġġerimenti*

12.6.1 Il-Membru Joseph Caruana qal li fi Triq Sant Agatha hemm żewġ t'iklieb abbandunati li qed iqattgħu l-boroż tal-iskart u jixxerdu mat-triq kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk ma' nkunux nafu sid il-klieb ma nkunux nistgħu nirrappurtaw il-każ, peress li l-SPSA m'għadiex tieħu klieb abbandunati għax jinsabu mimlijien.

12.6.2 Fir-rigward tal-ittra li l-Kunsill irċieva fuq xi marki tat-toroq li saru f'Bubaqra mingħajr permess kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jitlob għall-permessi meħtieġa.

Wara li tintbagħat din l-ittra għandha tintagħat ittra oħra biex infakkru lit-TM tawtorizza t-talba tal-Kumitat Amministrattiv datata Lulju, 2010, fir-rigward ta' Triq Dun Salvatore Magri ssir One Way.

12.6.3 Il-Membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jwaħħal it-tabella li kienet inqalgħet minn Vjal l-Indipendenza k/m Triq Sant Andrija li tindika li ma jgħaddux vetturi kbar minn Triq Ħal Far, dan għaliex il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv qed iħallasu spejjeż kbar għall-patching fi Triq Ħal Far.

Il-Membru Joseph Caruana talab lis-Segretarju Eżekuttiv il-lista ta' spejjeż li qed jintnefqu fi Triq Ħal Far.

12.6.4 Inġibded l-attenzjoni tat-*tower crane* li għadu fi Triq Hompesch mingħajr permess u li hu ta' ostaklu għar-residenti tal-akwata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet irrappurtat l-għassa u minħabba li ma kellniex informazzjoni ta' sid il-*crane* ma setgħux jipproċedu.

Kien hemm qbil li terġa tinkiteb *email* lill-ispettur tal-pulizija, għaliex il-pulizija jistgħu jġibu l-informazzjoni huma biex jipproċedu.

12.6.5 Kien hemm qbil li jsiru l-*yellow lines* li hemm bżonn fi Triq

Hompesch.

12.6.6 Saret talba għall-ismijiet tat-toroq minn fejn jgħaddu l-wardens.

12.6.7 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie avviċinat minn persuna li ser tmur toqgħod fi Triq it-Torri k/m Misraħ Santa Marija u li bħalissa għandha *sleeping policeman* ħdejn il-garaxx tagħha biex tali *sleeping policeman* tiċċaqlaq minħabba li l-vetturi qed jagħmlulu ħsara fil-faċċata tad-dar tiegħu.

Kien hemm qbil li tali *sleeping policeman* tiċċaqlaq b'metru u nofs biss, wara li tagħddi l-attivita' tat-Tieġ Malti u bil-preżenza ta' membru mill-Kumitat Amministrattiv.

12.6.8 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li kull min jaħdem fit-toroq irid jgħamel il-permessi meħtieġa u meta jkollhom permess għandhom jonorawh u jgħamlu l-inidkazzjonijiet neċessarji li jkun hemm bżonn.

***12.7 Appuntament għas-seduta li jmiss***

12.7.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

12.7.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ġunju, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**